MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-28 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 71/2006

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ipprezentata fl-1 ta’ Marzu, 2006 li permezz tieghu r-rikorrenti ppremettiet:

Li l-kontendenti izzewgu f’Dicembru 1994 bir-rit civili, u f’Settembru 2002 bir-rit religius, u miz-zwieg taghhom kellhom tifla, li twieldet fit-18 ta’ Lulju 1998.

Li l-hajja coniugali bejn il-kontendenti m'ghadiex aktar possibili minhabba servizzi, minacci, insulti, eccessi, ingiuri gravi u nuqqas ta manteniment da parti tal-konvenut ghal-attrici u ghat-tifla taghhom.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. tiddikjara u tippronunzia s-separazjoni personali bejn il-kontendenti ghal-ragiunijiet imputabili lil-konvenut u ghal finijiet tal-Artikolu 48 (c) tal-Kodici Civili (Kap. 16) tistabixxa d-data meta li stess konvenut ghandu jkun konsiderat li kien responsabili ghal-firda.

2. tawtorizza lill-attrici li tghix serparata mil-konvenut zewgha.

3. tordna li l-kura u l-kustodja tat-tifla, minuri, tigi fdata lill-attrici salv l-access tal-konvenut fil-granet, hinijiet u modalitajiet stabiliti mill-Qorti.

4. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici, ghaliha u ghall-imsemmija tifla minuri, dik ir-retta alimentari xierqa u adeguata, iffisata mill-istess Qorti, skond il-bzonnijiet tal-attrici u tat-tifla minuri, pagabili mil-konvenut lill-attrici, fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat mil-Qorti skond il-bzonnijiet tal-attrici u tat-tifla minuri, pagabili mil-konvenut lill-attrici, fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat mill-Qorti.

5. tapplika kontra il-konvenut, interament jew in parte, id-disposizjonijiet tal-imsemmi artikolu 48 tal-Kodici Civili.

6. tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-acquisti esistenti bejn il-kontendenti, u tordna lil-oggetti formanti parti tal-Komunjoni jigu maqsuma f'zewg porzionijiet komposti kif jigi ordnat mil-Qorti, in vista tad-dati tal-acquist,

partikolarment il-fond, li fuqu ghadhom dovuti LM3000 lil-Bank, porzionijiet li wahda ghandha tigi assenjata lill-attrici u l-ohra lill-konvenut, u jigi nominat perit, jekk ikun il-kaz, biex jaghmel valutazjoni u proposta ta divisjoni, u nutar biex jircevi l-att opportun, u kuratur biex jirrappresenta lil-eventuali contumaci fuq l-istess att.

7. tordna li d-dar taz-zwieg tigi mibjugha, u r-rikavat wara li jithallsu d-djun, jinqasam ugualment bejn il-kontendenti.

Bl-ispejjez, harrek lill-konvenut biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-intimat ma ppresentax nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk baqa' kontumacji skond il-ligi.

Rat l-atti processwali.

Semghet lir-rikorrenti.

Rat il-verbali tas-seduti ta' l-24 ta' Marzu, 2006.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' April, 2006 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-perit tekniku halef ir-rapport tieghu.

Ikkunsidrat;

Illi r-rikorrenti qed titlob is-separazzjoni minn ma' zewgha u mix-xhieda li tat quddiem il-Qorti jidher car li t-talba taghha hija gustifikata. Infatti hija qalet li l-intimat illi ilu s-snin ma jahdem ikun id-dar biss fil-ghodu meta jorqod biex ikollu l-

energija halli fil-ghaxijiet johrog jixrob mal-hbieb u jmur id-dar fis-sakra. Jidher car li ghandu problema ta' alokolizmu. Ghalkemm ma juzax vjolenza fizika ir-rikorrenti hija mbezza' mit-theddid tieghu.

Il-Qorti tissimpatizza mar-rikorrenti u ser tilqa' t-talbiet taghha. Fi-rigward tat-talba taghha a tenur ta' l-Artikolu 48, dan l-artikolu fis-sub-inciz (1) (c) jghid illi l-parti li tkun il-htija tal-firda titlef *kull jedd ta' parti miz-zwieg ghan-nofs ta' l-akkwisti li jkunu saru l-aktar bil-hdma tal-parti l-ohra wara data stabbilita mill-Qorti bhala d-data meta l-parti ghandha tkun konsidrata li minnha tkun hatja tal-firda. Ghall-finijet ta' dan il-paragrafu biex jigi determinat jekk akkwist ikunx sar l-iktar bil-hidma ta' wahda mill-partijiet fiz-zwieg ghandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taz-zewg partijiet skond l-Artikolu 3 ta' dan il-Kodici.* Jidher pero' li d-dar konjugali nxtrat bil-hidma taz-zewg partijiet u l-istess jinghad ghall-ftit mobbli li hemm id-dar li ma humiex ta' valur kbir. Fir-rigward tad-dar din giet stmata tletin elf Lira Maltin (Lm30,000) mill-perit tekniku u dan ghalhekk ikun il-prezz li fuqu ghandu jsir il-bejgh bis-subasta taghha.

**Ghaldaqstant il-Qorti tilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti u ghalhekk;**

**1. tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet u tistabillixxi d-data tal-llum stess ai fini ta' l-Artikolu 48 (1) (c) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16);**

**2. tawtorizza lir-rikorrenti tghix separata minn ma' zewgha;**

**3. tordna li l-kura u kustodja tal-minuri tigi afdata lir-rikorrenti li jkollha anke s-setgha issiefer bl-istess tifla barra minn Malta, b'dan li d-dritt ta' access tal-intimat huwa impregudikat;**

**4. tikkundanna lill-intimat ihallas bhala manteniment is-somma ta' ghoxrin Lira Maltin (Lm20) fix-xahar ghall-minuri u tletin Lira Maltin (Lm30) fix-xahar ghar-rikorrenti;**

**5. tapplika d-disposizzjonijiiet ta' l-Artikolu 48 tal-Kodici Civili eccetto s-sub-inciz 1 (c) tieghu fil-konfront ta'l-intimat;**

**6. tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti u tordna li l-fond imsemmi fi-rikors promotur jinqasam fi kwoti ugwali bejn il-partijiet; billi ser tordna l-bejgh tieghu ma hijiex ser tipprovdi dwar il-hatra ta' Nutar u kuratur tal-kontumacji izda tirriserva lir-rikorrenti d-dritt li taghmel dan jekk jidrilha;**

**7. tordna li l-istess dar tigi mibjugha u wara li jithallas id-dejn lill-bank kreditur tal-partijiet ir-rikavat jinqasam fi kwoti indaqs bejn il-partijiet; ghal dan l-iskop l-istima rikjesta mill-ligi ghandha tkun dik ta' l-AIC Mario Cassar kontenuta a fol 37 et sequitur ta' dan il-process u cioe' is-somma ta' tletin elf Lira Maltin (Lm30, 000).**

**L-ispejjes jithallsu mill-konvenut .**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------